**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Gunju 2020**

**<u>Rikors nru: 126/2020 AGV;</u>**

**AB**

**U**

**CBD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tal-partijiet datat** 13 ta' Mejju 2020, fejn ppermettew u pprezentaw s-segwenti;

1. Illi huma zzewwgu nhar il- 5 ta' Awwissu 2006 fil-Knisja. Iz-zwieg taghhom gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta, b' certifikat numru: 1382/2006, hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;

2. Illi minn daz-zwieg twieldet tifla EB, li twieldet nhar it- 28 ta' Jannar 2009 u ghalhekk ghadha minorreni. Kopja tac--certifkat tat-twelid huwa anness u mmarkat Dok. B;
3. Illi l-partijiet huma legalment seperati permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Dr. Ruben Debono datat 11 ta' Settembru 2013, kopja ta' liema kuntratt qed jigi hawn anness, u mmarkat Dok. C;
4. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi dawn ilhom jghixu b' mod separat minn xulxin, ghal izjed minn erbatax -il sena cjoe' minn qabel Settembru 2013 u llum il-gurnata ghandhom hajja totalment separat minn xulxin;
5. Illi AB hu obbligat ihallas lil CBD, fis-somma ta' 200 Ewro kull xahar bhala manteniment ghall-htigijiet tal-minuri, liema somma hija rivedibbli kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-partijiet jiddikjaraw li ma hemm ebda pendenza f' dar-rigward bejniethom.
6. Illi l-partijiet jixtiequ li jigi pronunzjat id-divorzju.

Ghaldaqstant, huma umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ;

a. Tippronzunja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku ghal fijijiet u effetti kollha tal-ligi.

Il-Qorti rat li CBD ipprezentat rikors datat 15 ta' Gunju 2020 fejn talbet li tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' D, li gie milqugh minn dina l-Qorti fil- 15 ta' Gunju 2020.

**DECIDE;**

1. Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tilqa' it-talba tal-esponenti cjoe' li tirreverti ghal kunjom xbubitha, D.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

Cettina Gauci
Dep Reg